KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Ghawdex - Malta

**Minuti tal-laqgħa Numru 29, laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru 2014, fil-5.00 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sinjura Maria Cassar Sultana (kienet skużata) |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur/riċi: | Il-post hu vakanti |

Il-laqgħa bdiet fil-4.30 p.m., wara li ntqalet it-talba tal-bidu mis-Sindku.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-laqgħa ssejħet b'urġenza biex jinfetħu l-offerti ta' Tender Nru. SNT 04/2014 dwar knis u tindif ta' toroq urbani f'Ta' Sannat, Tender Nru. SNT 05/2015 dwar kostruzzjoni ta' bankini f'Ta' Sannat, l-kwotazzjoni Nru. SNT 03/2014 tindif tal-bini amministrattiv tal-Kunsill u kwotazzjoni Nru. 04/2014 għas-Servizz ta' Avukat tal-Kunsill peress li dawn l-offerti għalqu llum f'nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mall-Viċi Sindku fetħu l-kaxxi ta' dawn l-offerti.

**Kwotazzjoni Nru. SNT 03/2014**
***Cleaning Service at Ta' Sannat Local Council Administrative Building.***
L-offerti mixħuta kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Angelo Zarb | €10.00c |
| G&R Spiteri | € 5.78c |

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' G&R Spiteri li kienet l-orħos rata għal kull siegħa.

**Kwotazzjoni Nru. SNT 04/2014**
***Provision of Qualified Legal Consultant***
L-offerti mixħuta kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Dr Larry Formosa | €1,450.00c |
| Dr Damian Bigeni | €2,100.00c |
| Dr Marc Sant | €1,800.00c |
| Refalo & Associates | €1,915.00c |

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Dr Larry Formosa li kienet l-orħos offerta fis-sena.

**Tender Nru. SNT 04/2014**
***Urban Street Sweeping and cleaning in Ta' Sannat***
L-offerta mixħuta kienet din biss:

| | |
|---|---|
| John Buttigieg o.b.o. Sannat Lions F.C. | €10,853.64c |

Il-Kunsill qabel ma din l-offerta.

**Tender Nru. SNT 05/2014**
***Construction of Pavements in Ta' Sannat***
L-offerti mixħuta kienu dawn:

| | | |
|---|---|---|
| Joe Grima | (a) | €1233.96c |
| | (b) | €1314.68c |
| | (c) | €1213.78c |
| John Bosco Gauci | (a) | €2.083c |
| | (b) | €2.103c |
| | (c) | €1.613c |
| Francesco Vella | (a) | €1162.75c |
| | (b) | €1323.75c |
| | (c) | €1178.75c |

Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-parir mingħand l-Perit tal-Kunsill li ħejja din l-offerta dwar dawn ir-rati biex jara liema huma l-aħjar.

**Tender Nru. SNT 03/2014**
***Paving of Pjazzetta tax-Xelina with porfido paving slabs and stormwater culvert with low life cycle environmental impacts (M313 - 2nd call)***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-Tender Nru. 03/2014 li kienet għalqet nhar il-Gimgħa 19 ta' Diċembru 2014, fil-11.00 a.m., nfetħu dak il-ħin stess minnhu, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilliera Margaret Said fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal li dak inhar stess kien talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiltaqa' l-bord maħtur apposta biex jiġġudika dawn l-offerti.

L-offerti mixħuta kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Joe Grima | €227774.40 |
| Gatt Tarmac Ltd. | €192543.80 |

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-bord maħtur mill-Kunsill iltaqa' l-uffiċċju tal-Kunsill biex jevalwa dawn l-offerti, nhar l-Erbgħa 24 ta' Diċembru 2014 u li l-bord ipprezentalu r-rapport tal-evalwazzjoni ta dawn l-offerti llum stess. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta dan ir-rapport tal-evalwazzjoni ta' Tender Nru. 03/2014 – *Paving of Pjazzetta tax-Xelina with porfido paving slabs and stormwater culvert with low life cycle environmental impacts (M313 2nd call)* fuq il-mejda tal-Kunsill mħejji mill-Av. Larry Formosa, mill-Perit Brian Curmi u mill-Perit Gordon Vella. F'dan ir-rapport il-bord ikkonkluda li l-offerta minn Gatt Tarmac Ltd. hija l-aktar waħda vantaġġjuża għalkemm iż-żewġ bidders kienu it-tnejn għola mill-istima tal-baġit li kien għamel il-Perit tal-Kunsill. Il-bord issuġġerixxa wkoll li klawsola 33.2 ta dan id-dokument tat-Tender tista tonqos biex il-Kunsill iżomm mall-baġit. Il-Kunsill qabel ma dan.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**